MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-26 ta' April, 2010

Numru 979/2009

PULIZIJA
SPETTUR ARTHUR MERCIECA
SPETTUR CARLOS CORDINA
VS
JUSTIN POLIDANO
JOSEPH POLIDANO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati, Justin Polidano, ta' 23 sena, iben Joseph u Benedicta nee' Debono, imwieled Pieta', fit-28 ta' Frar 1985, residenti Blk 4 Flt 3 Triq tal-Fieres, Kirkop u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 177285(M). Joseph Polidano, ta' 52 sena, iben Eugenio u Ludgarda nee' Seguna, imwieled Pieta' fl-14 ta' Dicembru 1956, residenti Blk 4 Flt 3 Triq tal-Fieres, Kirkop u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 822056(M).

Illi huma akkuzati talli fiz-Zurrieq nhar id-19 ta' Settembru 2009, ghal habta tad-9:00 ta' filghaxija, ikkommettew serq ta' diversi oggetti kif ukoll flus kontanti liema serq jeccedi l-elfejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (2390.24) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Bernard Zammit u Angolina Zammit;

Illi huma akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara u jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara teccedi l-Euro 116.47 fuq bieb ta' residenza ghad-dannu ta' Bernard Zammit u Angolina Zammit;

Illi huma akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqghu ghandhom, jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahhlu biex ibieghhom jew imexxuhom;

Illi huma akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, wara li kienu gew ikkundannati f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, instabu fil-pussess taghhom ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi u dan minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu kienu jinsabu ghandhom;

Illi huma akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin, cirkostanzi, lok u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer saqu vettura bin-numru tar-registrazzjoni EAC 834 ta' l-ghamla Daewoo minghajr ma kienu koperti b'licenza tas-sewqan u polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji tat-terzi persuni;

Lil Justin Polidano wahdu akkuzat aktar talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar il-15 ta' Ottubru 2007;

Akkuzat wkoll talli huwa kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija nhar l-10 ta' Novembru 2008 fejn huwa kien gie misjub hati ta' reat u lliberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin;

Akkuzati wkoll talli lill-istess Justin Polidano talli huwa naqas li jhares wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-17 ta’ Marzu 2009 li bih huwa inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija;

Finalment lil-Justin Polidano u Joseph Polidano akkuzati talli huma saru recidivi ai termini ta’ l-Artikolu 49 u 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b’diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.116) taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputati;

Rat il-verbal tas-7 ta’ April 2010, fejn l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputati ghal akkuzi kif dedotti;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat l-imputati zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, il-Qorti ssib lill-imputat **Justin Polidano** hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu ghajr it-tielet akkuza illi hija alternattiva ghal akkuza

ta' serq li minnha tilliberah u wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e)(f), 262(1)(b), 263(a), 264, 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(2), 325(1)(b), 28B, 28C, 17, 23, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 23(1) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lil-imputat Justin Polidano ghal erba' (4) snin u tlett (3) xhur prigunerija** ghall-akkuzi kollha illi din il-Qorti sabet htija fl-imputat ghajr is-sitt akkuza; ghal rigward tas-sitt (6) akkuza, il-Qorti tirrendi operattiva s-sentenza sospiza moghtija mill-Magistrat A. Micallef Trigona fil-15 ta' Ottubru 2007 (ara Dok. X) billi tikkundannah disa' xhur priguneraja effettivi, b'total ta' hames (5) snin prigunerija illi minnhom iridu jitnaqqsu z-zmien illi l-imputat qatta f'arrest preventiv.

Ghal rigward ta' Joseph Polidano, l-Qorti ssib lill-imputat **Joseph Polidano**, hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2) akkuza, mhux hati tat-tielet (3) akkuza illi hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza li minnha tilliberah, hati tar-raba' (4), l-hames (5) u d-disa' (9) akkuza u wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e)(f), 262(1)(b), 263(a), 264, 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(2), 325(1)(b), 17, 23, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat Joseph Polidano ghal tlett (3) snin u sitt (6) xhur prigunerija** li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien illi l-imputat qatta f'arrest preventiv.

Din il-Qorti akkordat il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputati, il-fatt illi r-res furtiva kollha giet rekoverata l-fedina rafrettarja ta' l-imputati u l-fatt ewlieni illi Justin Polidano, minkejja illi inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati Maltin sabiex jibqa integrat mas-socjeta permezz ta' pieni alternattivi ghal dawk ta' prigunerija, l-istess Justin Polidano ma gharafx japrezza l-opportunitajiet lilu akkordati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------